# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, it-Tlieta, 25 ta' Ottubru, 2016

**Kawża Numru 2(Kost.)**

**Rik. Nru. 68/12JRM**

Avukat Frank B. **TESTA** debitament awtorizzat in rappreżentanza ta' Joseph u John Sammy, aħwa Micallef

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU** u l-Avukat Ġenerali, għal kull interess li jista' jkollu; u b'degriet tal-21 ta' Novembru, 2012, issejjaħ fil-kawża l-Kummissarju tal-Artijiet

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta' Ottubru, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent *nomine* talab li l-Qorti (a) ssib li t-teħid mill-Gvern tal-fondi bin-numri tlettax (13), erbatax (14) u ħmistax (15) fi Triq San Filippu, l-Birgu (li huwa ġid li ġej lir-rikorrenti *proprio* mill-awturi tagħhom fit-titolu), b'dikjarazzjoni magħmula fl-20 ta' Mejju, 1949,

b'titolu ta' pussess u użu għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi[1], in-nuqqas ta' użu tal-imsemmi ġid għal bosta snin għall-għan li għalih ittieħed mill-Gvern, in-nuqqas ta' aġġustament fil-kera mħallas lill-awturi tagħhom u lilhom matul dak iż-żmien kollu u d-dikjarazzjoni tal-President tal-4 ta' Mejju, 2011, li bis-saħħa tagħha l-istess ġid kien inkiseb mill-Gvern b'titolu ta' xiri assolut, kisru l-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom u b'mod partikolari d-dritt fundamentali tagħhom kif imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (b) tillikwida l-kumpens xieraq u mistħoqq li jmissu jitħallas lilhom minħabba dak il-ksur tal-jeddijiet tagħhom; u (ċ) tagħtihom dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għall-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tagħhom u għar-risarċiment xieraq;

Rat id-degriet tagħha tat-15 ta' Ottubru, 2012, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-21 ta' Novembru, 2012;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Onorevoli Prim Ministru u Avukat Ġenerali fl-20 ta' Novembru, 2012, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qalu li mhumiex il-kontradditturi leġittimi tal-imsemmija azzjoni ladarba skond l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-ebda wieħed minnhom ma għandu s-setgħa bil-liġi li jieħu ġid għal skopijiet pubbliċi u lanqas li jagħti l-kumpens għal dan; talbu s-sejħa fil-kawża tal-Kummissarju tal-Artijiet bħala l-persuna passivament leġittimata biex twieġeb għall-ilment tar-rikorrenti; qanqlu l-kwestjoni tal-integrita' tal-ġudizzju billi ż-żewġ rikorrenti mhumiex is-sidien waħedhom tal-ġid li dwaru nfetħet din il-kawża, u f'kull każ, talbu li r-rikorrenti jressqu prova tat-titolu tagħhom fuq l-imsemmija postijiet; li r-rikorrenti qegħdin jabbużaw minn din il-proċedura kostituzzjonali meta huma u l-awturi tagħhom setgħu nqdew bir-rimedji ordinarji u effettivi li kienet tagħti l-liġi kemm taħt il-Kapitolu 136 tal-Liġijiet ta' Malta u kemm taħt il-Kapitolu 88 tal-istess u għalhekk il-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex tastjeni milli tisma' l-kawża skond kif jgħidu l-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; u li, f'kull każ, li ma jistax jingħad li hemm ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni dwar it-tħaddim ta' xi liġi li kienet fis-seħħ qabel

[1] Dak iż-żmien Kap 136 tal-Liġijiet ta' Malta (illum Kap 88)

Marzu tal-1962, bħalma tabilħaqq ġara f'dan il-każ. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-ilmenti tar-rikorrent *nomine* ma jġibux ksur tal-jedd għall-ħarsien taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għaliex il-ġid li minnu għandhom ir-rikorrent ittieħed fl-interess pubbliku u skond kif preskritt mil-liġi li tgħodd għall-każ. Dwar l-ilment tar-rikorrent *nomine* li l-Gvern inqeda bil-ġid meħud biss wara li kien għadda żmien twil, l-eċċipjenti qalu li jaqa' fuq ir-rikorrent biex jipprova din ix-xilja u li jgħid ukoll, skondu, x'kien l-għan pubbliku li għalih il-Gvern kien ħa l-bini taħt il-kontroll tiegħu. F'kull każ, iż-żmien rilevanti biex wieħed iqis jekk ġid ikunx ittieħed fl-interess pubbliku huwa ż-żmien meta l-ġid ikun għadda effettivament għand l-Istat u mhux meta tkun inħarġet id-Dikjarazzjoni dwar il-ħsieb tal-Gvern li jieħu tali ġid. Żiedu jgħidu li l-fondi msemmija fir-rikors promotur kienu reġgħu nbnew mill-ġdid wara li ġġarrfu fil-Gwerra b'ħidma tal-għadu, u għalhekk ma kinux fi stat li wieħed jista' jgħix fihom (jew f'dak li kien fadal minnhom) meta nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-1949, u dawn reġgħu ittellgħu mill-ġdid bħala bini għal għanijiet soċjali sa l-1968 u b'nefqa mill-Gvern. Qalu li jekk, minkejja dak minnhom eċċepit, il-Qorti kellha ssib li r-rikorrent *nomine* ġarrab xi ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu, id-dikjarazzjoni f'dan is-sens ikun rimedju biżżejjed għall-ksur imġarrab, u f'każ li din il-Qorti ssib li jixraq rimedju f'kumpens, il-kumpens li jistħoqq jingħata jkun biss dak morali, taħt il-konsiderazzjonijiet partikolari tal-każ, magħduda l-fatt li r-rikorrenti *proprio* mhumiex waħedhom is-sidien tal-bini, li damu għexur ta' snin minn mindu l-ġid għadda għand il-Gvern qabel ma fetħu dawn il-proċeduri, u li naqsu li jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi biex jiksbu l-kumpens xieraq. Temmew jgħidu li din il-Qorti ma għandhiex twettaq eżerċizzju ta' kejl ta' kumpens li l-liġi tagħti esklussivament lill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet is-setgħa li jagħmlu hu;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2012[2], li bih ordnat is-sejħa fil-kawża tal-Kummissarju tal-Artijiet;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissarju msejjaħ fil-kawża fis-6 ta' Diċembru, 2012, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qal li jeżisti l-problema tan-nuqqas tal-integrita' tal-ġudizzju billi ż-żewġ rikorrenti mhumiex is-sidien waħedhom tal-ġid li dwaru nfetħet din il-kawża, u f'kull każ, talab bosta drabi li r-rikorrenti jressqu prova tat-titolu tagħhom fuq l-imsemmija postijiet ħalli jkun jista' jsirilhom il-ħlas tal-kumpens mistħoqq u dawn naqsu li jressquhom; li r-rikorrenti qegħdin jabbużaw minn din il-proċedura kostituzzjonali meta huma u l-awturi tagħhom setgħu nqdew bir-rimedji ordinarji u effettivi li kienet

[2] Paġ. 27 tal-proċess

tagħti l-liġi kemm taħt il-Kapitolu 136 tal-Liġijiet ta' Malta u kemm taħt il-Kapitolu 88 tal-istess u għalhekk il-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex tastjeni milli tqis l-azzjoni taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq imsemmija; u li, f'kull każ, li ma jistax jingħad li hemm ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni dwar it-tħaddim ta' xi liġi li kienet fis-seħħ qabel Marzu tal-1962, bħalma tabilħaqq ġara f'dan il-każ. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-ilment tar-rikorrent *nomine* ma jġibx ksur tal-jedd għall-ħarsien taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għaliex il-ġid li minnu għandhom ir-rikorrent ittieħed fl-interess pubbliku u skond kif preskritt mil-liġi li tgħodd għall-każ. Dwar l-ilment tar-rikorrent *nomine* li l-Gvern inqeda bil-ġid meħud biss wara li kien għadda żmien twil, il-Kummissarju msejjaħ fil-kawża jgħid li jaqa' fuq ir-rikorrent biex jipprova din ix-xilja u li jgħid ukoll, skondu, x'kien l-għan pubbliku li għalih il-Gvern kien ħa l-bini taħt il-kontroll tiegħu. F'kull każ, iż-żmien rilevanti biex wieħed iqis jekk ġid ikunx ittieħed fl-interess pubbliku huwa ż-żmien meta l-ġid ikun għadda effettivament għand l-Istat u mhux meta tkun inħarġet id-Dikjarazzjoni dwar il-ħsieb tal-Gvern li jieħu tali ġid. Żied jgħid li l-fondi msemmija fir-rikors promotur kienu reġgħu nbnew mill-ġdid wara li ġġarrfu fil-Gwerra b'ħidma tal-għadu, u għalhekk ma kinux fi stat li wieħed jista' jgħix fihom (jew f'dak li kien fadal minnhom) meta nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-1949, u dawn reġgħu ittellgħu mill-ġdid bħala bini għal għanijiet soċjali sa l-1968 u b'nefqa mill-Gvern. Qal li jekk, minkejja dak minnu eċċepit, il-Qorti kellha ssib li r-rikorrent *nomine* ġarrab xi ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu, id-dikjarazzjoni f'dan is-sens ikun rimedju biżżejjed għall-ksur imġarrab, u f'każ li din il-Qorti ssib li jixraq rimedju f'kumpens, il-kumpens li jistħoqq jingħata jkun biss dak morali, taħt il-konsiderazzjonijiet partikolari tal-każ, magħduda l-fatt li r-rikorrenti *proprio* mhumiex waħedhom is-sidien tal-bini, li damu għexur ta' snin minn mindu l-ġid għadda għand il-Gvern qabel ma fetħu dawn il-proċeduri, u li naqsu li jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi biex jiksbu l-kumpens xieraq. Temm jgħid li din il-Qorti ma għandhiex twettaq eżerċizzju ta' kejl ta' kumpens li l-liġi tagħti esklussivament lill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet is-setgħa li jagħmlu hu;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tas-26 ta' Novembru, 2013[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissrin, ċaħdet il-ħames eċċezzjoni preliminari tal-intimati u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju imsejjaħ fil-kawża dwar jekk il-Qorti għandhiex tinqeda bid-diskrezzjoni tagħha li ma

---

[3] Paġġ. 76 – 89 tal-proċess

tismax il-kawża minħabba li r-rikorrenti naqsu li jinqdew bir-rimedji ordinarji li taghtihom il-liġi;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar l-ilment tar-rikorrent *nomine* fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Novembru, 2013, u n-Nota tar-rikorrent *nomine* tat-12 ta' Frar, 2014 (flimkien mad-dokumenti mehmużin magħha[4]) u kif ukoll in-nota konġuntiva tal-partijiet imressqa waqt is-smigħ tal-25 ta' Marzu, 2014[5], li biha qablu dwar is-sehem li r-rikorrenti *proprio* għandhom fil-ġid immobbli mertu tal-każ;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-intimati u mill-imsejjaħ fil-kawża waqt is-smigħ tal-25 ta' Marzu, 2014[6], li biha kienu qegħdin jirtiraw it-tielet eċċezzjoni preliminari tagħhom dwar l-integrita' tal-ġudizzju;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' April, 2014[7], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrent *nomine* b'rikors tal-15 ta' April, 2014, ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda tar-rikorrent *proprio* waqt li jkun għal xi żmien f'Malta;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju u kif ukoll il-provi dokumentali mressqin mill-partijiet quddiemha;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent *nomine* waqt is-smigħ tat-8 ta' Ottubru, 2014[8], flimkien mad-dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2015[9], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u, fuq talba tal-avukati tal-partijiet, awtorizżathom iressqu s-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent *nomine* fis-17 ta' Marzu, 2015[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati u mill-Kummissarju msejjaħ fil-kawża fit-28 ta' Mejju, 2015[11], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent *nomine*;

---

[4] Paġġ. 91 sa 135 tal-proċess
[5] Paġġ. 139 – 140 tal-proċess
[6] Paġ. 141 tal-proċess
[7] Paġ. 144 tal-proċess
[8] Paġġ. 176 sa 206 tal-proċess
[9] Paġ. 225 tal-proċess
[10] Paġġ. 229 sa 259 tal-proċess
[11] Paġġ. 261 – 272 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa fl-10 ta' Ġunju, 2015, mill-intimati u bi qbil mal-avukat tar-rikorrent *nomine* flimkien mad-dokumenti mehmużin magħha;

Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija bil-kwiet ta' possedimenti u għall-ħarsien mit-teħid ta' proprjeta' b'kumpens xieraq. Ir-rikorrent *nomine* jgħid li l-kostitwenti tiegħu ġarrbu dan il-ksur, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, u dan fi tliet (3) ċirkostanzi: (i) meta, wara li bini li jinsab fil-Birgu u li minnu għandhom sehem iż-żewġ rikorrenti *proprio*, ittieħed mill-Gvern fl-1949 b'titolu ta' pussess u użu, għal żmien twil ma sarx użu minnu għall-għan li għalih ittieħed; (ii) meta għal żmien twil ma saret l-ebda żieda fil-ħlas tal-kera lis-sidien għall-bini li l-Gvern kien ħa; u (iii) meta, fl-2011, is-sidien ma kinux ġew mgħarrfa li kienet ħarġet Dikjarazzjoni tal-President li l-bini nkiseb mill-Gvern b'titolu assolut u li l-Gvern kien kiseb dak il-ġid filwaqt li l-kumpens li kien ingħata ma kienx xieraq u ma jirrispekkjax il-valur fis-suq tal-bini hekk miksub;

Illi għal din l-azzjoni, kemm l-intimati u kif ukoll il-Kummissarju msejjaħ fil-kawża laqgħu b'eċċezzjonijiet preliminari li jgħoddu għalihom. Fil-mertu, laqgħu bl-istess eċċezzjonijiet. Bdew billi qalu li l-ilmenti tar-rikorrent *nomine* ma jġibux ksur tal-jedd għall-ħarsien taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għaliex il-ġid li minnu għandhom ir-rikorrenti ttieħed fl-interess pubbliku u skond kif preskritt mil-liġi li tgħodd għall-każ. Dwar l-ilment tar-rikorrent *nomine* li l-Gvern inqeda bil-ġid meħud biss wara li kien għadda żmien twil, l-eċċipjenti qalu li jaqa' fuq ir-rikorrent biex jipprova din ix-xilja u li jgħid ukoll, skondu, x'kien l-għan pubbliku li għalih il-Gvern kien ħa l-bini taħt il-kontroll tiegħu. F'kull każ, iż-żmien rilevanti biex wieħed iqis jekk ġid ikunx ittieħed fl-interess pubbliku huwa ż-żmien meta l-ġid ikun għadda effettivament għand l-Istat u mhux meta tkun inħarġet id-Dikjarazzjoni dwar il-ħsieb tal-Gvern li jieħu tali ġid. Żiedu jgħidu li l-fondi msemmija fir-rikors promotur kienu reġgħu nbnew mill-ġdid wara li ġġarrfu fil-Gwerra b'ħidma tal-għadu, u

għalhekk ma kinux fi stat li wieħed jista' jgħix fihom (jew f'dak li kien fadal minnhom) meta nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-1949, u dawn reġgħu ittellgħu mill-ġdid bħala bini għal għanijiet soċjali sa l-1968 u b'nefqa mill-Gvern. Qalu li jekk, minkejja dak minnhom eċċepit, il-Qorti kellha ssib li r-rikorrent *nomine* ġarrab xi ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu, id-dikjarazzjoni f'dan is-sens ikun rimedju biżżejjed għall-ksur imġarrab, u f'każ li din il-Qorti ssib li jixraq rimedju f'kumpens, il-kumpens li jistħoqq jingħata jkun biss dak morali, taħt il-konsiderazzjonijiet partikolari tal-każ, magħduda l-fatt li r-rikorrenti *proprio* mhumiex waħedhom is-sidien tal-bini, li damu għexur ta' snin minn mindu l-ġid għadda għand il-Gvern qabel ma fetħu dawn il-proċeduri, u li naqsu li jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi biex jiksbu l-kumpens xieraq. Temmew jgħidu li din il-Qorti ma għandhiex twettaq eżerċizzju ta' kejl ta' kumpens li l-liġi tagħti esklussivament lill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet is-setgħa li jagħmlu hu;

Illi b'sentenza preliminari mogħtija fis-26 ta' Novembru, 2013, din il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni li kellha tieqaf milli tisma' l-każ minħabba li r-rikorrent *nomine* ma nqediex bir-rimedji 'ordinarji' li tagħtih il-liġi. Filwaqt li, matul is-smigħ tal-kawża, l-intimati irtiraw l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' intergrita' tal-ġudizzju;

Illi għal dak li jirrigwarda l- <u>fatti rilevanti</u> li jgħoddu għall-każ jibda biex jingħad li l-kwestjoni tintrabat ma' ġid li jagħmel minn korp ta' bini li (kien) jinsab f'numru tlettax (13), erbatax (14) u ħmistax (15), Triq San Filippu, l-Birgu. Tal-ewwel kien terran, filwaqt li l-bini l-ieħor kien meżżanin. Missier iż-żewġ rikorrenti – Salvatore Micallef – kellu sehem ta' kwart ($^1/_4$) mhux maqsum mill-imsemmi post numru tlettax, filwaqt li kellu sehem ta' sest ($^1/_6$) mhux maqsum b'titolu ta' utli dominju perpetwu tal-bini l-ieħor[12]. Ir-rikorrenti *proprio* jgħixu fir-Renju Unit u missierhom miet hemmhekk f'Ottubru tal-1973[13];

Illi minn spezzjoni u stima li kienet saret minn perit imqabbad mill-Uffiċċju tal-Valutazzjoni tal-Artijiet (LVO), ħareġ li kemm it-terran f'numru tlettax (13) u kif ukoll il-meżżanin f'numri erbatax (14) u ħmistax (15) fi Triq San Filippu, l-Birgu, kienu ġarrbu ħsarat u ma kien hemm ħadd joqgħod fihom f'dak l-istat[14]. Dak l-istess perit kien imbagħad għadda biex jikkalkola l-kera ta' għarfien ('*recognition rent*') għall-finijiet tat-teħid ta' dak il-ġid (fil-fatt ir-rapport jaqbad fih bosta postijiet oħrajn fit-toroq ta' dawk l-inħawi fil-Birgu) b'dominju pubbliku[15];

[12] Dok "MFB", f'paġ. 215 tal-proċess
[13] Dok "FT5", u xhieda tar-rikorrent Joseph Micallef f'paġġ. 129 u 159 tal-proċess
[14] Dok "MFA", f'paġ. 212 tal-proċess
[15] Dok "MFC" f'paġ. 218 tal-proċess

Illi f'Jannar tal-1948[16], id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien bagħat jgħarraf lit-Teżor li l-Gvern kien fi ħsiebu jikseb dak il-bini (imfisser bħala "*blitzed block of buildings*") b'titolu ta' dominju pubbliku, u talbu biex iniedi l-proċeduri għall-kisba tal-imsemmi ġid b'mod obbligatorju għall-finijiet Ordinanza tal-1936 dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi;

Illi fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-20 ta' Mejju, 1949[17], kienet inħarġet Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Ġenerali li l-bini msemmi jew il-fdal minnu kien sejjer jittieħed b'titolu ta' pussess u użu taħt id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Ordinanza. L-imsemmi Salvatore Micallef għadda sehemu mill-imsemmija bini lill-Gvern ta' Malta b'titolu ta' pussess u użu bis-saħħa ta' żewġ kuntratti pubbliċi tas-6 ta' Ottubru, 1956[18], fl-atti tan-Nutar tal-Gvern li fuqhom kien deher ħuh Rolando Micallef f'ismu u bħala prokuratur tiegħu u ta' ż-żewġ ħuthom l-oħrajn, Adelina Azzopardi u Maria Annunziata Jones. Il-kera mogħti lis-sidien b'seħħ mill-1 ta' Frar, 1949, kien iffissat mill-Bord fis-somma ta' ħames liri (£5) fis-sena għall-fond numru 13[19], u seba' liri u nofs (£7.10/-) fis-sena dwar il-post 14/15[20], jitħallsu kull sitt (6) xhur bil quddiem;

Illi fiż-żmien li kienet inħarġet id-Dikjarazzjoni, il-bini kien iġġarraf b'azzjoni tal-għadu[21]. Wara li ttieħed mill-Gvern taħt titolu ta' użu u pussess, minflok il-bini (flimkien ma' bini ieħor fl-inħawi li wkoll kien twaqqa' b'ħidma tal-għadu) ttellgħu djar (appartamenti) tal-Gvern għall-abitazzjoni[22];

Illi f'Novembru tal-2000[23], il-Kummissarju tal-Artijiet bagħat jgħarraf lir-rikorrent *proprio* Joseph Micallef li kienet mietet il-persuna li f'ismu kienet tilqa' l-ħlas tal-kera tal-għarfien (li wkoll kien jismu Joseph Micallef u jiġi l-kuġin tal-istess rikorrent), u biex jekk hu mħajjar li jibqa' jirċeviha, jibgħat prokura bl-isem tal-persuna maħtura biex tibqa' tirċievi l-kera f'isem il-werrieta ta' Salvatore Micallef;

Illi wara l-mewt ta' Joseph Micallef, id-Dipartiment tal-Artijiet kien jibgħat lir-rikorrent Joseph Micallef, darbtejn fis-sena, *cheque* għall-import ta' Lira Sterlina u tlieta u disgħin *pence* (£ 1.93) għal sehemu u sehem ir-

[16] Dok "MFD", f'paġ. 221 tal-proċess
[17] Dok "MFE", f'paġ. 275 tal-proċess
[18] Dokti "FT1" , "JM2" u "JM3", f'paġġ. 94 – 7 u 183 sa 206 tal-proċess
[19] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess
[20] Dok "Ċ", f'paġ. 7 tal-proċess
[21] Xhieda ta' Margaret Falzon 6.2.2013 f'paġ. 42 tal-proċess
[22] Ara ritratti Dok "4", f'paġ. 24 tal-proċess
[23] Dok "D" f'paġ. 8 tal-proċess

rikorrent l-ieħor mill-kera tal-imsemmija postijiet. Ir-rikorrenti ma kinux isarrfu dawk iċ-*cheques* għaliex il-bank kien jitlobhom *bank charges* li jaqbżu l-import ta' kull wieħed minnhom[24];

Illi b'Dikjarazzjoni tal-President maħruġa fil-Gażżetta tal-Gvern tal-4 ta' Mejju, 2011[25], il-Gvern ħa l-imsemmi ġid b'titolu assolut u l-kumpens stabilit kien ta' elf mija u ħamsa u sittin euro (€ 1165) għall-post numru 13 kollu[26], u l-kumpens ta' elf seba' mija u sebgħa u erbgħin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€1,747.15) għall-post 14/15 kollu[27]. Is-somma ffissata tqiegħdet f'bank kummerċjali f'Mejju tal-2011, fuq talba tal-Assistent Direttur tad-Direttorat tal-Artijiet[28];

Illi matul iż-żmien li għalihom jirreferu l-ilmenti tar-rikorrenti *proprio* ma jidher li ttieħdu l-ebda proċeduri f'xi qorti mis-sidien biex jikkontestaw il-miżuri meħuda mill-Gvern;

Illi r-rikorrent *nomine* fetaħ din il-kawża fit-2 ta' Ottubru, 2012;

Illi l-Qorti tibda l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> billi qabel xejn tqis l-**ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati** Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali. B'din l-eċċezzjoni, huma jgħidu li ma messhomx tħarrku fil-kawża għaliex mhumiex il-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi;

Illi l-intimati jgħidu[29] li min-natura tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti, joħroġ ċar li huma qatt ma messhom tħarrku f'din il-kawża u li kulma jmissha tqis il-Qorti huma d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili

Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent *nomine* jisħaq li kemm l-intimat Onorevoli Prim Ministru u kif ukoll l-intimat Avukat Ġenerali għandhom posthom fil-kawża għar-raġunijiet u r-riferenzi li jitfissru fis-sottomissjonijiet tiegħu[30]. Jisħqu li dak li jilmintaw minnu r-rikorrenti *proprio* huwa dak li sar mid-Dipartiment u li llum jinsab rappreżentat mill-imsejjaħ fil-kawża. Minbarra dan, fl-ebda waqt ma tressqet xi prova mill-istess rikorrenti li l-intimat Prim Ministru kien imdaħħal b'xi mod fil-ġrajja li wasslu għall-kawża tal-lum;

---

[24] Xhieda tar-rikorrent Joseph Micallef f'paġ. 160 tal-proċess
[25] Dok "MFG", f'paġġ. 278 – 282 tal-proċess
[26] Dok "MFE", f'paġ. 276 tal-proċess
[27] Dok "MFF", f'paġ. 277 tal-proċess
[28] Dokti "1" u "2", f'paġġ. 21 – 2 tal-proċess
[29] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 265 – 6 tal-proċess
[30] Paġġ. 239 – 244 tal-proċess

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradittur f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[31]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi l-kwestjoni tas-sehem li l-Prim Ministru jista' jkollu f'kawżi dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali jidher li mhux minn dejjem kienet mogħtija l-istess tifsira mill-Qrati u l-awturi. Iżda issa jidher li dwar l-imsemmija kwestjoni l-Qorti Kostituzzjonali fl-aħħar żminijiet stabiliet linja ta' deċiżjonijiet li turi li, wkoll fejn fl-ilment imressaq dwar ksur ta' jedd fundamentali tintalab dikjarazzjoni li dispożizzjoni ta' liġi nnifisha tikser xi jedd fundamentali, f'dak il-każ il-kontradittur leġittimu jkun l-Avukat Ġenerali u mhux il-Prim Ministru[32];

Illi, b'żieda ma' dan u fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, jidher li bi tħaddim xieraq tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, lanqas l-intimat Avukat Ġenerali ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, ladarba l-ilment tar-rikorrenti *proprio* ma jirrigwardax is-siwi ta' liġi imma biss l-effetti fuq ir-rikorrenti *proprio* tat-tħaddim tagħha[33]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mibni fuq l-għemil tal-Kummissarju tal-Artijiet (jiġifieri tad-Dipartiment immexxi minnu) u għalhekk il-ġudizzju huwa sħiħ bih waħdu. F'dan ir-rigward, u wara li saret is-sejħa fil-kawża tal-imsemmi Kummissarju, jidher li l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi huwa l-istess Kummissarju u għaldaqstant il-ġudizzju huwa sħiħ fih u ma hemmx għalfejn jitħarrek ukoll l-Avukat Ġenerali[34];

---

[31] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[32] Ara, b'eżempju, Kost. **7.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Spiteri et vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta***; Kost. **30.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuele Caruana et vs Il-Prim Ministru et***; Kost. **14.12.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Aġius vs Avukat Ġenerali et***; u Kost. **24.6.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***David Mifsud vs Onor. Prim Ministru et***

[33] Kost. **24.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Apap Bologna vs Calċidon Ċiantar et***

[34] Ara wkoll (*obiter*) Kost. **11.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri et Kummissarju tal-Artijiet et***

Illi, madankollu, fir-rigward tal-intimat Avukat Ġenerali xieraq jingħad ukoll li, fid-dawl tal-artikolu 181B(3) tal-Kodiċi msemmi, l-istess intimat xorta waħda kellu jkun notifikat bl-atti tal-kawża u, bla ebda dubju, kien se' jipprovdi l-avukat difensur lill-Kummissarju msejjaħ fil-kawża, kif fil-fatt ġara;

Illi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tintlaqa' billi l-Qorti teħles liż-żewġ intimati milli jibqgħu aktar fil-kawża;

Illi dwar l-**eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn**, minbarra dik formalment irtirata mill-intimati dwar jekk il-ġudizzju huwiex sħiħ, il-Qorti tqis li dawn huma megħluba u ma hemmx għalfejn ittawwal fuqhom, minkejja li l-partijiet ittrattaw dwarhom ukoll. Dik dwar jekk ir-rikorrenti nqdewx bir-rimedji ordinarji ngħatat sentenza preliminari dwarha li ċaħditha. Dik dwar il-prova tat-titolu u s-sehem li r-rikorrenti *proprio* għandhom jew kellhom mill-ġid mertu tal-każ ma għadhiex aktar kontestata fid-dawl tal-provi dokumentali abbundanti li r-rikorrent *nomine* ressaq fl-atti tal-kawża matul is-smigħ;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ **l-ilmenti tar-rikorrenti fil-mertu** fid-dawl tal-**eċċezzjonijiet imressqin dwarhom** mill-intimati u l-imsejjaħ fil-kawża;

Illi l-azzjoni attriċi tallega ksur kemm tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Jingħad minnufih li, safejn l-azzjoni attriċi ssejjes l-ilment tar-rikorrenti fuq ksur ta**l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, dan ma jistax jintlaqa'. Ir-rikorrent *nomine* jattakka għemil li seħħ bis-saħħa tal-Ordinanza li hija waħda mil-liġijiet "imħarsin" mit-tħaddim tar-regola ewlenija fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u dan b'dispożizzjoni espressa tal-artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni;

Illi l-Qorti ma tarax li għandha tilqa' s-sottomissjoni tar-rikorrent li t-tħaddim għall-każ tiegħu tal-artikolu 37(1) ma jinġabx fix-xejn "stante li fil-każ in kwistjoni huwa effettivament irrilevanti x'jipprovdi l-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni"[35]. Kull dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni hija rilevanti u torbot lil din il-Qorti, u l-eżistenza ta' liġijiet oħrajn – imqar dawk maħsuba li jħarsu l-jeddijiet fundamentali – ma jwaqqgħux dak li tgħid il-Kostituzzjoni[36]. Fuq kollox, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni huma mħarsin saħansitra mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tagħha, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta

[35] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 248 tal-proċess
[36] Art. 6 tal-Kostituzzjoni

huma liġi ordinarja li tinqara flimkien mal-Kostituzzjoni imma ma tegħlibhiex;

Illi għalhekk, f'dan ir-rigward il-Qorti tilqa' s-sottomissjonijiet tal-imsejjaħ fil-kawża wkoll għaliex huma argumenti li diġa' sabu l-favur ta' deċiżjonijiet f'dan ir-rigward[37];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, safejn l-ilmenti tar-rikorrenti u t-talbiet tagħhom jinbnew fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ma tistax issib ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom dwar il-ħarsien tal-jeddijiet tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom u mit-teħid tagħha mingħajr kumpens xieraq;

Illi, madankollu, kif sewwa jissottometti r-rikorrent *nomine*, il-fatt li ma jinstabx ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jwassalx biex il-Qorti tasal għall-istess fehma li ma jkunx inkiser ukoll id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti taħt il-Konvenzjoni. Il-Qorti sejra għalhekk tqis l-ilment tar-rikorrenti taħt il-Konvenzjoni;

Illi safejn l-ilment tar-rikorrent *nomine* jinbena fuq id-**dispożizzjonijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni** joħroġ ċar li r-rikorrenti jilmentaw li l-għemil tal-Kummissarju msejjaħ fil-kawża jikser il-jedd tagħhom għat-tgawdija bla xkiel tal-pussess ta' ħwejjiġhom kif imħares bl-imsemmi artikolu;

Illi kif jidher mir-rikors promotur, ir-rikorrent *nomine* jagħmel żewġ dikjarazzjonijiet: l-ewwel waħda hija li minkejja li l-ġid tar-rikorrenti *proprio* (sewwasew tal-awturi tagħhom) ilu li ttieħed sa mis-sena 1949, baqa' għal bosta snin ma ntużax għal madwar ħamsin (50) sena wara t-teħid. It-tieni waħda hi li, f'dak iż-żmien kollu, ma ngħadx jew ma ntweriex li t-teħid kien tassew għal skop pubbliku. Għalkemm fis-sottomissjonijiet tal-għeluq donnu jibdel xi ftit il-mod dommatiku tal-imsemmija dikjarazzjonijiet, jibqa' jgħid li għal żmien twil wara t-teħid baqa' ma kien sar l-ebda użu mill-bini meħud li baqa' jintuża għall-akkomodazzjoni ta' terzi;

Illi l-imsejjaħ fil-kawża jwarrab dawn iż-żewġ allegazzjonijiet u jġib 'il quddiem raġunijiet għal dan;

Illi l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tindirizza dan l-aspett. Formalment, id-Dipartiment ħa l-bini jew dak li kien fadal minnu fl-1949, minkejja li l-

[37] Ara, b'eżempju, Kost. **10.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Av. Rene' Frendo Randon et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** (Rik. 17/02GC §18)

kuntratti tat-teħid b'titolu ta' pussess u użu sar f'Ottubru tal-1956. Ir-rikorrenti jisħqu li, f'dak iż-żmien, il-bini kien tajjeb biex wieħed joqgħod fih u kien fil-fatt okkupat min-nies sa meta twaqqgħu fl-1956 biex jinbnew minflokhom il-binjiet ta' akkomodazzjoni soċjali li hemm illum[38]. Min-naħa l-oħra, l-intimati jmieru dan billi jgħidu li x-xhieda mressqa mir-rikorrenti hija biss xhieda fuq kliem li qal ħaddieħor ("*detto del detto*") u li dik ix-xhieda xorta waħda titwaqqa' bi provi dokumentali dipartimentali li nġabu fl-atti tal-kawża. Fis-sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jippruvaw ixejnu dawk il-provi billi jgħidu li neqsin minn kull xeħta ta' awtentiċita';

Illi l-Qorti tqis li f'dan ir-rigward dak li jallegaw ir-rikorrenti mhuwiex minnu u mhix sejra toqgħod fuqu. Fl-ewwel lok, jidher li l-bini meħud minn idejn l-awturi tar-rikorrenti mertu ta' din il-kawża kien tassew ġarrab ħsarat estensivi bil-ħidma tal-għadu matul it-Tieni Gwerra. Fit-tieni lok, mhuwiex minnu li l-Gvern dam bosta snin biex il-bini li ħa użah għall-għanijiet li għalih f'Jannar tal-1948 id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien semma f'ittra tiegħu li biha talab lit-Teżor iniedi l-proċess biex il-ġid jittieħed taħt titolu ta' pussess u użu. Il-Qorti tqis li kemm l-imsemmija ittra (li tfisser il-bini bħala "*blitzed block of buildings*")[39] u kif ukoll ir-rapporti maħruġa mill-perit imqabbad mill-LVO ftit taż-żmien qabel (li jgħidu espressament li l-bini ma kienx għadu abitabbli)[40] jikkostitwixxu provi ammissibbli li wieħed jista' joqgħod fuqhom dwar dak li jidher minnhom u bla ma hemm il-ħtieġa ta' prova oħra dwar l-awtentiċita' tagħhom, ladarba huma dokumenti li joħorġu minn reġistri ta' dipartiment tal-Gvern[41]. Il-Qorti żżid tgħid li kieku wkoll ix-xhieda mressqa mir-rikorrenti titqies ta' min joqgħod fuqha, hemm xhieda mressqa minnhom stess li turi li, sas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor, il-bini kien twaqqa' u minfloku ttella' bini tal-Gvern maħsub għall-akkomodazzjoni soċjali diċenti u biex jitneħħew il-kerrejja mill-inħawi ("*slum clearance*")[42];

Illi issa li saru dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti sejra tqis il-liġi li tgħodd għall-każ, f'dan il-każ l-Ordinanza[43], fejn jidħol it-teħid tal-ġid mertu ta' din il-kawża. Jibda biex jingħad li għan (jew, biex tintuża l-kelma mħaddma fil-liġi, skop) ikun pubbliku meta "*għandu x'jaqsam mal-użu esklussiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali, jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għal użu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew għall-ippjantar ta' l-ibliet jew ma' jew għar-rikostruzzjoni jew kull skop li għandu x'jaqsam mad-*

[38] Xhieda ta' Antoinette Micallef f'paġ. 173 tal-proċess
[39] Dok "MFD" f'paġġ. 221 tal-proċess
[40] Dokti "MFA" sa "MFC", f'paġġ. 212 – 218 tal-proċess
[41] Art. 627(b) tal-Kap 12
[42] Xhieda ta' Antoinette Micallef f'paġġ 167 – 8 tal-proċess
[43] Art. 5 tal-Kap 88

*difiża ta' Malta jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-operazzjonijiet navali, militari jew tal-ajru; u jfisser ukoll kull skop ieħor imsemmi bħala pubbliku minn xi liġi; u għall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jiġi eżerċitat xi dritt taħt din l-Ordinanza jkun konness mal-utilizzazzjoni ta' xi art jew xi dritt konness jew relatat magħha għal kull raġuni marbuta mal-provvista, ħażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi oħra ta' enerġija, jew f'konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilita' jew servizz muniċipali jew proġett infrastrutturali, għandu jitqies bħala konness ma' jew ančillari għall-interess pubbliku jew utilita'"*. L-imsemmija liġi tgħodd biss dwar art, f'liema kelma huwa magħdud ukoll kull sura ta' bini jew jeddijiet oħrajn marbutin mal-użu tiegħu;

Illi dik il-liġi tagħraf tliet (3) suriet ta' akkwist min-naħa tal-Gvern għal għanijiet pubbliċi: jew taħt (i) ix-xiri assolut, jew (ii) il-pussess u użu għal żmien determinat jew dak iż-żmien li l-ħtiġijiet tal-għan pubbliku jkunu jitolbu u jew (iii) id-dominju pubbliku. Iżda l-liġi taħseb ukoll li ġid jista' jinkiseb f'biċċa minnu taħt titolu wieħed u f'biċċa oħra taħt titolu ieħor, għajr fejn il-kisba ssir f'isem jew għall-użu ta' terza persuna, f'liema każ it-teħid irid tabilfors isir b'xiri assolut. F'każ fejn ġid ikun ittieħed b'titolu ta' pussess u użu, u jgħaddu aktar minn għaxar (10) snin minn dak inhar li jkun hekk ittieħed, is-sid ikollu l-jedd jitlob li dak il-ġid jew jinxtara jew jinkiseb b'titolu ta' dominju pubbliku jew, f'każ li la tingħażel il-waħda u lanqas l-oħra, li jinħeles mill-ġdid favurih[44];

Illi l-kumpens lis-sid maħsub mil-liġi għal teħid ta' ġid taħt titolu ta' pussess u użu temporanju jikkonsisti f'kera ta' akkwist ("*acquisition rent*"), filwaqt li l-kumpens għat-teħid ta' ġid taħt titolu ta' dominju pubbliku jikkonsisti fil-ħlas ta' kera ta' għarfien ("*recognition rent*")[45]. Fil-każ ta' teħid taħt titolu ta' xiri assolut, il-kumpens jikkonsisti fi ħlas ta' valur xieraq li dak il-ġid jitqies – skond il-kriterji msemmija fl-istess liġi – li jkun jiswa fiż-żmien tat-teħid. Minħabba li l-kisba tirrigwarda ġid immobbli, ikun meħtieġ ukoll il-pubblikazzjoni ta' att pubbliku nutarili;

Illi **dwar il-jedd tar-rikorrenti għat-tgawdija bla xkiel ta' ġidhom** din il-Qorti jidhrilha li huwa xieraq ittenni li l-eżerċizzju li għandha tagħmel f'dan il-każ huwa dak li tqis jekk kemm-il darba kienx hemm ksur tal-jedd tagħhom għat-"tgawdija paċifika tal-possedimenti" tagħhom f'każ li l-għemil ma jkunx wieħed ta' **teħid** (fis-sens ta' ċaħda jew, fi kliem il-Konvenzjoni, "privazzjoni") ta' dak il-ġid imma ta' **ndħil** f'dik it-tgawdija. Jekk jirriżulta li kien hemm teħid, allura l-Qorti tkun trid tqis ukoll jekk dak it-teħid kienx maħsub fl-interess pubbliku jew fl-interess ġenerali **u** kif

[44] Art. 19(1) tal-Kap 88
[45] Art. 13(2) tal-Kap 88

ukoll jekk dan ikunx sar b'ħarsien ta' liġi domestika u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali;

Illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jrid li:

"*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

"*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*";

Illi l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-teħid u kif ukoll dwar il-kontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, kif ilu jingħad u kif ilu stabilit[46], huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra u li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu jrid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat (f'dan il-każ, it-teħid b'titolu ta' pussess u użu). Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[47] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

Illi għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikun hemm "teħid ta' possedimenti" biss "*when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. .... In the absence of a formal extinction of the owner's rights, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a deprivation for the purposes of Article 1/2*"[48]. B'"*de facto*

[46] Sa mis-sentenza Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61
[47] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[48] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 527 – 8

*deprivation*" wieħed jifhem dawk il-każijiet fejn "*the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title*"[49]. Għalhekk, b'teħid ta' ġid mingħand is-sid għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wieħed ifisser il-każ fejn il-jeddijiet proprjetarji jinġiebu fix-xejn[50];

Illi min-naħa l-oħra għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali, hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, il-Qorti ssib li t-teħid tal-ġid tar-rikorrenti taħt titolu ta' pussess u użu m'għandux jitqies bħala teħid tal-ġid, għaliex ir-rikorrenti kienu baqgħu għal snin twal magħrufin bħala s-sidien tal-bini meħud. Kellhom ukoll matul dak iż-żmien jedd, wara li għaddew għaxar snin mit-teħid, li jitolbu lill-Kummissarju jew iroddilhom ġidhom lura jew jiksbu taħt titolu assolut jew mod ieħor. Għalhekk, tul dak iż-żmien, l-għemil tal-Kummissarju msejjaħ fil-kawża kien jikkostitwixxi għamla ta' kontroll fl-użu ta' dak il-ġid, dettat minn żewġ ċirkostanzi ta' fatt. L-ewwel fatt hu li l-ġid kien ġarrab ħsara b'ħidma tal-għadu b'mod tali li ma setax jibqa' iżjed jintuża għall-għan li għalih kien inbena. It-tieni fatt hu li l-kontroll li l-Istat qiegħed jagħmel b'dan il-ġid hu marbut mal-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali li, f'kull żmien u l-aktar f'dawk l-inħawi tal-pajjiż, kienet laħqet qagħda kritika;

Illi, meta fl-2011, il-Gvern għażel li jibdel it-titolu li bih kien qiegħed iżomm il-ġid tar-rikorrenti f'wieħed ta' ksib b'xiri taħt titolu assolut, minn hemm 'il quddiem iż-żamma kellha tibda titqies bħala teħid tal-ġid tar-rikorrenti, ukoll jekk għandu jirriżulta bla ebda dubju li dik il-kisba saret mhux biss għal għan pubbliku iżda saħansitra fl-interess pubbliku. Huwa dan l-aspett tal-aħħar li jinteressa l-aktar it-tħaddim tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni[51]. Il-bini li ttella' minflok dak li ttieħed mingħand ir-rikorrenti (jew l-awturi tagħhom) kien u għadu jintuża għall-akkomodazzjoni ta' familji privati. Kien bini li ttieħed ukoll flimkien ma'

[49] *Ibid.* f'paġ. 528
[50] Ara, per eżempju, Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et*** (każ li jirreferi għall-jedd tal-lawdemju)
[51] Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et vs Id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246**) għat-tifsira bejn « skop » u « interess » pubbliku

firxa ta' bini ieħor ta' sidien oħrajn fl-istess inħawi li kollu twaqqa' biex inbnew minfloku djar biex fihom joqogħdu nies li ma kellhomx dar. Mix-xhieda mressqa mir-rikorrenti nfushom, joħroġ li ma hemmx kontestazzjoni dwar dan l-istat ta' fatt u ma jqisux li l-imsejjaħ fil-kawża ħa f'idejh il-ġid tagħhom għal raġuni oħra ħlief biex jipprovdi tali akkomodazzjoni lil min kien tassew jeħtieġha[52];

Illi huwa minnu li tressqet xi xhieda li tindika li r-rikorrenti u l-familja tagħhom kienu għamlu f'moħħhom li jiġu lura mir-Renju Unit u jidħlu fil-postijiet imsemmija biex jerġgħu joqogħdu fihom u li t-teħid b'titolu ta' pussess u użu kellu jkun għal ftit taż-żmien biss[53]. Il-Qorti tqis li ċ-ċirkostanzi fattwali ma kinux iħallu din ix-xewqa – jekk tabilħaqq kienet hemm – titwettaq. Kif ingħad diġa', il-bini ma kienx f'qagħda tajba li fih wieħed jibqa' joqgħod. Minbarra dan, jekk tassew kien minnu (kif jallegaw ir-rikorrenti) li l-bini kien mikri lil terzi, ma kienx ser ikun faċli għalihom u l-familja tagħhom li jkeċċu lil tali kerrejja mill-post. Fis-sewwa jidher li dak li jilmintaw minnu r-rikorrenti *proprio* hu li, għal żmien twil, il-kera tal-akkwist kien ftit wisq;

Illi għalhekk, il-Qorti trid tqis l-ilment tar-rikorrenti fid-dawl tal-pretensjonijiet tagħhom li jingħataw kumpens xieraq, aktar milli jintraddilhom lura l-ġid li kien ittieħed. Dan jingħad aktar u aktar issa li l-Gvern għażel li jieħu l-ġid b'xiri taħt titolu assolut;

Illi, kif ingħad qabel, fit-tifsira xierqa li għandu jingħata l-artikolu 1, huwa meħtieġ li wieħed jara jekk bl-għemil tat-teħid jew tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna li tkun, inżammx jew le bilanċ xieraq bejn l-interess ġenerali jew pubbliku u l-jeddijiet milquta tal-istess persuna dwar il-ġid meħud. Dan jgħodd ukoll meta wieħed jiġi biex jitqies il-kumpens provdut wara għemil ta' teħid jew indħil fit-tgawdija tal-ġid ta' dak li jkun. Għalhekk, "*The level of compensation must be 'reasonably related' to the value of the property taken. However, Article 1/1/2 requires neither full compensation nor the same level of compensation for every category of deprivation. ... where the state was pursuing economic reform or social justice, less reimbursement was due to the dispossessed owners than full market value. ... The guiding principle remains the 'fair balance', reliance upon which is necessary to establish* any *right to compensation for nationals. It is also a principle which leaves a wide margin of appreciation to the state to determine what the level of compensation should be*"[54];

[52] Xhieda ta' Antoinettte Micallef f'paġġ. 167 – 8 tal-proċess
[53] *Ibid.* f'paġġ. 168 – 9 tal-proċess
[54] Harris, O'Boyle & Warbrick *Op. Cit.*, paġġ. 533 – 4

Illi l-Qorti tqis li għal dak li jirrigwarda ż-żmien meta t-teħid tal-ġid kien b'titolu ta' pussess u użu, kien hemm indħil fit-tgawdija tar-rikorrenti. Ta' min ifakkar li din il-qagħda legali baqgħet ittul sa Mejju tal-2011. Dwar dan, il-Qorti sejra tagħmel kunsiderazzjonijiet aktar 'il quddiem. Imbagħad, b'seħħ mill-2011, meta inħarġet id-Dikjarazzjoni tal-President dwar it-teħid b'xiri b'titolu assolut, il-qagħda legali nbidlet għaliex it-teħid ma baqax għal żmien imma sar għal dejjem;

Illi l-Qorti tqis ukoll li, minkejja l-jedd mogħti lir-rikorrenti *proprio* jew lill-awturi tagħhom taħt l-artikolu 19 tal-Ordinanza, qatt ma ttieħdu passi biex dak il-jedd jitwettaq min-naħa tal-Awtoritajiet. Kien biss meta lir-rikorrenti *proprio* bdiet tintbagħtilhom sehemhom mill-kera tal-akkwist li dawn, bir-raġun, iċċaqalqu meta sabu li s-sehem tal-kera dovut lilhom lanqas kien iġib daqs kemm kien jitlobhom il-bank tagħhom biex isarrfilhom iċ-*cheques* li kienu jintbagħtulhom kull sitt xhur;

Illi taħt dan l-ilment ukoll, ir-rikorrenti jqanqlu l-kwestjoni tal-abbuż li sar min-naħa tal-Kummissarju imsejjaħ fil-kawża bil-fatt li, minkejja li l-bini tagħhom ittieħed taħt titolu ta' pussess u użu, dan qabad u ġarraf il-bini bla ma talab il-kunsens tagħhom u bena, minflok, blokka appartamenti fuq l-art tagħhom u l-art ta' madwarha u ħdejha. Dwar dan, il-Qorti ssib li, minn kif seħħew il-ġrajja tal-każ, jidher li t-teħid fiżiku tal-ġid tar-rikorrenti seħħ saħansitra qabel ma nħarġet id-dikjarazzjoni formali tat-teħid taħt pussess u użu, u żgur qabel ma t-teħid kien formalizzat bis-saħħa tal-kuntratt, għaliex il-bini l-qadim twaqqa' u saret il-"*clearance*" qabel ma kien ippubblikat l-imsemmi kuntratt f'Ottubru tal-1956. F'ċirkostanzi bħal dawn, għemil ta' din ix-xorta jqajjem tħassib serju dwar il-legalita' tiegħu[55]. Fit-tieni lok, u fuq livell legali, jidher li din il-Qorti hija miżmuma *ratione temporis* milli tqis dan l-aspett tal-ilment, minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi, madankollu, minħabba li ż-żamma min-naħa tal-Gvern taħt titolu ta' pussess u użu baqgħet sejra sa Mejju tal-2011, il-kwestjoni tal-ilment tar-rikorrenti *proprio* tiegħu xejra oħra. Dan jingħad minħabba li huwa stabilit li fejn għemil li jġib miegħu lment ta' ksur ta' xi jedd fundamentali jibqa' jħalli effetti kontinwati jew ikun huma nnifsu għemil imtenni, f'dak il-każ din il-Qorti ma tkunx imwaqqfa milli tqis l-ilment *ratione temporis*, u tkun tista' tistħarreġ l-ilment sewwasew minħabba li dak il-ksur ikun għadu għaddej[56];

[55] Kost. **5.12.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Merċieca et vs Kummissarju tal-Artijiet et*** (mhix pubblikata)
[56] Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba et vs Malta*** (Applik. Nru. 20287/10) §§ 41 – 2

Illi hekk jidher li ġara f'dan il-każ. Minkejja li t-teħid ta' ġid taħt titolu ta' pussess u użu huwa għal żmien limitat, u minkejja li s-sidien qatt ma nedew il-proċeduri mogħtija lilhom mil-liġi biex iġibu din il-qagħda fi tmiemha, il-fatt li l-Kummissarju msejjaħ żamm il-ġid meħud (li sadattant kien sar binja ġdida ta' akkomodazzjoni soċjali) taħt l-imsemmi titolu għal madwar tnejn u sittin (62) sena iġib miegħu konsegwenzi marbutin mal-proporzjonalita' tal-miżura meħuda u l-indħil mill-Istat fit-tgawdija tal-ġid min-naħa tas-sidien. Dan jingħad lil hinn mill-kostatazzjoni li ma hemmx kwestjoni li t-teħid kien sar minħabba għan pubbliku u li l-użu li sar mill-ġid meħud kien jaqdi l-interess pubbliku;

Illi l-Qorti tqis li l-fatt li l-Kummissarju imsejjaħ fil-kawża dam jinqeda bil-ġid tar-rikorrenti *proprio* għal tul eżaġerat ta' zmien li matulu huwa waqqa' l-ġid meħud lil hinn mill-jedd li kienet tagħtih il-liġi b'teħid bħal dak, iġib ksur effettiv tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom[57]. Bil-kera tal-akkwist maħdum fuq il-kundizzjonijiet li fihom kien jinsab il-ġid tal-awturi tar-rikorrenti, jiġi li, biż-żamma għal tant snin tal-istess qagħda, ir-rikorrenti *proprio* inġabu f'qagħda li jridu jerfgħu piż għoli u sproporzjonat sewwasew minħabbba l-istat ta' inċertezza dwar jekk qatt kinux sejrin jerġgħu jingħataw ħwejjiġhom lura u s-sura ta' kumpens li dak it-teħid kien qiegħed jirrendilhom[58]. Fil-fehma tal-Qorti, din il-kostatazzjoni tibqa' tgħodd minkejja li l-istess Kummissarju fl-2011 għażel fid-diskrezzjoni tiegħu li jieħu l-ġid b'titolu ta' xiri assolut u b'hekk "issana" l-illegalita' li kienet inħalqet bit-twaqqigħ tal-ġid meħud mingħand l-awturi tar-rikorrenti;

Illi l-fatt li r-rikorrenti *proprio* ħadu ż-żmien tagħhom biex ressqu dawn il-proċeduri ma jidhirx li għadu ta' xkiel biex huma jqajmu l-ilment tagħhom, ladarba ma jidhirx li hemm element ta' preskrivibilita' fejn jidħol it-tressiq ta' azzjonijiet dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali[59];

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda ssib li r-rikorrenti seħħilhom juru li ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom kif imħares fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni minħabba l-għemil tal-imsejjaħ fil-kawża Kummissarju tal-Artijiet;

Illi għall-finijiet tat-**tieni talba tar-rikorrent *nomine*** dwar l-għoti ta' kumpens xieraq għal dak li ġarrbu s-sidien bit-teħid ta' ġidhom, il-Qorti jidhrilha li ma tistax tilqa' s-sottomissjoni tal-imsejjaħ fil-kawża u tillimita ruħha biss għal dikjarazzjoni ta' ksur imġarrab. Huwa stabilit li "*Whether*

---

[57] Kost. **18.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żammit et vs L-Onor. Prim Ministru et***
[58] Q.E.D.B. **11.12.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Aquilina vs Malta*** (Applik. Nru. 3851/12) §§ 63, 67
[59] Q.E.D.B. **30.8.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Montanaro Gauċi et vs Malta*** (Applik. Nru. 31454/12) § 45

*the redress given is effective will depend, among other things, on the nature of the right alleged to have been breached, the reasons given for the decision and the persistence of the unfavourable consequences for the person concerned after that decision. The redress afforded must be appropriate and sufficient*"[60]. Minbarra dan, ingħad kategorikament ukoll li "*appropriate redress in Article 1 of Protocol No. 1 cases requires an award in respect of both pecuniary damage as well as non-pecuniary damage, which would generally be required when an individual was deprived of, or suffered an interference with, his or her possessions contrary to the Convention*"[61];

Illi f'każijiet bħal dawn, il-kumpens xieraq għandu jqis l-għan leġittimu jkun wassal għall-miżura tat-teħid tal-ġid min-naħa tal-awtorita' pubblika. Għalhekk, piż qawwi jingħata lill-fatt li t-teħid ikun sar għal għanijiet soċjali li jipprovdu għall-akkomodazzjoni soċjali u li jitneħħew ambjenti ta' kerrejja biex, minflokhom, jinħalqu mkien dinjitużi ta' akkomodazzjoni xierqa u diċenti. Il-Qorti terġa' ttenni li, fil-każ li għandha quddiemha, il-ksur li sabet li ġarrbu r-rikorrenti *proprio* kien minħabba l-fatt li l-Kummissarju mexa bi ksur tal-liġi fil-mod li waqqa' l-bini tagħhom meta kien qiegħed iżommu taħt titolu ta' pussess u użu, u mhux għaliex il-ġid ittieħed għal għanijiet mhux xierqa;

Illi minħabba li l-Gvern għażel li jikseb il-ġid b'xiri assolut, il-Qorti temmen li l-kwestjoni tal-kumpens xieraq f'din il-kawża għandha tkun limitata għall-kumpens morali mġarrab minħabba l-ksur tel-jedd fundamentali. Dan qiegħed jingħad għaliex għar-rigward tal-kumpens fattwali jmissu jintuża l-mekkaniżmu maħsub fl-artikolu 22 tal-Ordinanza. Mill-provi ħareġ li d-Dipartiment iqis li, minkejja li bagħat jinnotifika lir-rikorrenti bil-ħsieb li l-ġid jinkiseb b'titolu assolut, ir-rikorrenti naqsu li jagħtuh provi tajbin biżżejjed tat-titolu tagħhom. Minħabba f'hekk, ma jidhirx li sa issa d-Dipartiment (bħala l-awtorita' kompetenti) għadha bagħtet lir-rikorrenti *proprio* att ġudizzjarju kif maħsub fl-artikolu 22(4) tal-istess Ordinanza. Minħabba f'hekk ukoll jidher li baqa' impreġudikat il-jedd tar-rikorrenti *proprio* li jmexxu l-proċess tal-ħlas lilhom tal-kumpens xieraq jew tal-kumpens minnhom pretiż skond l-artikolu 22(6) jew (7) tal-istess Ordinanza, liema proċess jiskatta biss minn dakinhar li jintbagħat l-imsemmi att ġudizzjarju. Minn dan l-aspett, il-Qorti ttenni l-konsiderazzjonijiet li kienet għamlet fis-sentenza preliminari tagħha dwar ir-rimedji ordinarji li jistgħu jinqdew bihom ir-rikorrenti. F'dan ir-rigward, jidher li l-kwestjoni tal-kumpens tkun aħjar determinata mill-Bord milli minn din il-Qorti, aktar u aktar meta wieħed iqis li r-rikorrent *nomine* ma

[60] *Ibid.* § 40
[61] Q.E.D.B. **5.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de' Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq vs Malta*** (Applik. Nru. 26771/07) § 53

ressaq l-ebda stima mqar *ex parte* li ssejjes il-pretensjoni tal-patroċinati tiegħu dwar il-kumpens pretiż minnhom;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzojnijiet kollha li saru u meta jsir tqabbil ma' dak li ġara f'każijiet oħrajn[62] u b'mod partikolari meta wieħed jieħu qies taż-żmien twil li l-ġid inżamm mill-awtorita' kompetenti bla ma ngħata kumpens xieraq lir-rikorrenti *proprio* jew lill-awturi tagħhom, il-Qorti tasal għall-fehma li l-kumpens morali li l-istess rikorrenti *proprio* jistħoqqilhom jirċievu bejniethom huwa ta' tnax-il elf euro (€ 12,000). Din is-somma qiegħda tieħu qies ukoll tal-fatt li l-istess rikorrenti mhumiex is-sidien waħdiena tal-ġid li kien ittieħed. Kif ingħad, jibqa' bla mittiefes kull jedd tal-istess rikorrenti għall-ħlas ta' kumpens materjali li jista' jkun dovut lilhom skond il-proċedura maħsuba fl-Ordinanza;

Illi dwar it-**tielet talba attriċi** l-Qorti ma jidhrilha li hemm l-ebda provvediment ieħor li hija tista' tieħu bħala rimedju biex tindirizza l-ilment tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti nfushom lanqas aċċennaw matul is-smigħ tal-kawża għal xi rimedju ieħor għajr dak tal-kumpens, dwar liema rimedju l-Qorti ipprovdiet hi u tqis it-tieni talba tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali, u ssib li huma mhumiex il-kontradittur leġittimi tal-azzjoni attriċi, u qiegħda b'hekk teħlishom milli jibqgħu fil-kawża, bi spejjeż għar-rikorrenti;

**Tastjeni milli tqis aktar l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn;**

**Tilqa' limitatatment l-ewwel talba attriċi** u ssib li r-rikorrenti *proprio* ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, imma ma ġarrbux ksur tal-istess jedd taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida kumpens morali ta' tnax-il elf euro (€12,000) li għandu jitħallas lir-rikorrenti *proprio* flimkien bejniethom mill-Kummissarju msejjaħ fil-kawża;

**Tastjeni milli tqis it-tielet talba attriċi** billi ma hemm l-ebda provvedimenti oħrajn li din il-Qorti tista' tagħti biex tindirizza l-ilment tar-rikorrent *nomine*; u

---

[62] Ara, b'eżempju, Kost. **30.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Marija Mifsud vs Kummissarju tal-Artijiet***; u Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Igino Trapani Galea Feriol et vs Kummissarju tal-Artijiet et***

**Tordna** li l-imsejjaħ fil-kawża Kummissarju tal-Artijiet iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk tal-intimati Onorevoli Prim Ministru u tal-Avukat Ġenerali, li jħallashom ir-rikorrent *nomine*, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mas-sentenza preliminari jitħallsu kif ordnat f'dik is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**25 ta' Ottubru, 2016**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Registratur**

**25 ta' Ottubru, 2016**